Qorti tal-Maġistrati (Malta)

# RIK NRU 161/2020: **PHILIP GATT (KI. 105193M) V. CHRIST SCERRI URRY (KI. 222392M) U RITIANNE SCERRI URRY (KI. 201298M)**

(AMMONT DOVUT – KAPITOLU GHAS-SUBIZZJONI – DEJN ĊIVILI TA' PARTI FIŻ-ŻWIEĠ LI MA' JITNISSILX MINN REAT VOLONTARJU JGHABBI L-ASSI TAL-KOMUNITA' TAL-AKKWISTI)

## MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**6 ta' Diċembru 2021**

IL-QORTI,

wara li kkunsidrat ir-rikors ta' Philip Gatt ("ir-rikorrent") ippreżentat fl-1 ta' Settembru 2020,

wara li rat ir-risposta ta' Christ Scerri Urry u Ritianne Scerri Urry ("l-intimati") ippreżentata fl-4 ta' Diċembru 2020[1],

wara li semgħet ix-xhieda prodotti mir-rikorrent u qrat it-testimonjanza tagħhom,

wara li rat illi fis-seduta tal-11 ta' Jannar 2021, ġie verbalizzat illi r-rikorrent *"salv li jippreżenta fil-mori tad-differiment nota bl-atti ġudizzjarji imsemmija f'dan il-verbal qiegħed jiddikjara il-provi tieghu magħluqa. Il-Qorti qieghda ghalhekk thalli il-kawza ghal provi tal-intimati ghall-22 ta' Frar 2021 fl-10:00am"*[2],

wara li rat illi fis-seduta tat-22 ta' Frar 2021 l-avukat difensur tal-intimati ddikjara *inter alia* illi *"ghandu f'idejh l-affidavit ta' Christ Xerri Urry li kellu jinhalef illum pero` ghadu kemm induna illi l-istess intimat tfixkel fid-data li kellu jkun prezenti u ghaldaqstant mhux qieghed il-Qorti ... jiddikjara wkoll illi jixtieq jaghmel il-kontro-ezami tar-rikorrenti fil-*

[1] Fol 13
[2] Fol 23-24

*prezenza tal-klijenti tieghu”*. Il-Qorti għalhekk akkordat ġimgħa ċans lill-intimati sabiex jiġi ppreżentat fir-Reġistru l-affidavit imsemmi u ħalliet il-kawża għall-kontroeżamijiet li fadal għat-12 ta' April 2021 fid-09:30am[3],

wara li osservat illi l-intimati baqgħu ma’ daħħlux l-affidavit imsemmi,

wara li rat li s-seduta tat-12 ta’ April 2021 ġiet differita għall-24 ta’ Mejju 2021 minħabba raġunijiet ta’ prevenzjoni kontra t-tixrid tal-Covid-19,

wara li rat li s-seduta tal-24 ta’ Mejju 2021 ġiet differita għat-18 ta’ Ottubru 2021 stante l-indisponibbilta’ tad-Deputat Reġistratur minħabba raġunijiet ta’ saħħa,

wara li rat illi fis-seduta tat-18 t’Ottubru 2021 l-intimati naqsu milli jidhru u għalhekk ir-rikorrent talab u ottjena permess mill-Qorti sabiex jippreżenta kapitolu għas-subizzjoni tagħhom liema kapitolu ġie sussegwentement ippreżentat. Il-kawża ġiet differita għas-subizzjoni tal-intimati għat-3 ta’ Novembru 2021[4],

wara li rat illi l-intimati għal darb’ oħra naqsu milli jidhru fis-seduta tat-3 ta’ Novembru 2021 u għalhekk il-kapitolu għas-subizzjoni tagħhom ġie ddikjarat ammess[5],

wara li rat li fl-istess seduta semgħet mingħand ir-rikorrent li l-ammont mitlub għadu dovut u għalhekk il-Qorti pposponiet il-kawża għas-sentenza,

wara li rat illi aktar tard fl-istess seduta deher l-intimat Christ Scerri Urry debitament assistit illi nforma lill-Qorti illi huwa kien preżenti barra l-awla iżda però proprju fil-ħin tal-kawża irċieva kommunikazzjoni illi martu l-intimata l-oħra tinsab qiegħda twelled. L-avukat difensur tal-intimati talbet lil Qorti sabiex tissospendi l-prolazzjoni tas-sentenza u l-Qorti filwaqt li temporanjament għamlet dan ordnat lill-istess avukat sabiex tippreżenta rikors bil-provi relevanti in sostenn għat-talba tagħha u ddiferiet il-kawża għas-6 ta’ Diċembru 2021 fid-9am,

wara li rat illi fis-seduta tas-6 ta’ Diċembru 2021 l-intimati reġgħu ma dehrux u għalhekk il-Qorti filwaqt li formalment iddikjarat magħluq l-istadju tal-provi tal-intimati għaddiet għas-sentenza,

wara li rat id-dokumenti kollha l-oħra esebiti fil-kawża,

qed tagħti din is-

## Sentenza

---

[3] Fol 57
[4] Fol 62
[5] Fol 25

**Atti tal-bidu**

1. Ir-rikorrent qed jitlob mill-intimati il-ħlas tas-somma ta' ħamest elef u ħames mitt euro (€ 5,500) rappreżentanti ħlas ta' vettura tal-għamla Chevrolet Cruze bin-numru ta' reġistrazzjoni DIY-017, liema somma ġiet iddikjarata bħala ċerta, likwida u dovuta permezz ta' skrittura privata datata 29 ta' April 2020 li ġiet iffirmata quddiem in-Nutar Pubbliku Dr. George sive Jurgen Galea. Intalbu ukoll l-ispejjeż inklużi dawk tal-ittra uffiċjali bin-numru 1279/2020 kif ukoll l-imgħax legali dekoribbli fuq l-ammont sal-eventwali pagament.

2. L-intimati opponew għat-talbiet rikorrenti bħala infondati fil-fatt u fid-dritt *"stante illi mhuwiex minnu illi l-konvenuti huwa obbligati illi jħallsu tali somma u dan minħabba illi l-istess vettura kien fiha diversi difetti u ma kienitx tajba għas-sewqan u kwindi t-talba tal-attur għandha tiġi respinta bl-ispejjeż kontra tieghu. Illi anzi l-attur daħaq bil-konvenuti meta begħilhom il-vettura tal-għamla Chevrolet Cruze bin-numru tar-reġistrazzjoni DIY-017 b' diversi problemi u difetti"*

**Il-fatti saljenti tal-każ li jirriżultaw mill-provi prodotti mir-rikorrenti**

3. Ir-rikorrent **Philip Gatt** xehed bil-mezz tal-affidavit illi fis-17 ta' Jannar 2020 huwa xtara mingħand l-intimat Christ Scerri Urry vettura tal-għamla Chevrolet Cruze bin-numru ta' reġistrazzjoni DIY-017 għall-prezz ta' ħamest elef u ħames mitt euro (€ 5,500). Is-somma tħallset f'pagament wieħed skond riċevuta annessa mal-affidavit u mmarkata bħala Dok A. Ir-rikorrent jgħid li xtara l-vettura sabiex jaħdem biha mal-Bolt, ċioe kumpanija li tipprovdi servizz ta' *taxi*. Waħda mir-rekwiżiti biex taħdem magħhom hija l-vettura li tuża ma' tkunx antika iżjed minn għaxar snin. Skond ir-rikorrent din il-kundizzjoni kienet kruċjali meta ġie biex jixtri l-vettura u filfatt l-intimat Scerri Urry kien ikkonfermalu illi l-vettura ħarġet fit-triq fl-2013. Wara ftit ġranet ir-rikorrent induna b'xi difetti li huwa jseħħilhom latenti bħall-kumpressur tal-*air condition* u difetti oħra bħal *seat* imqatta'. Ir-rikorrent jgħid illi mal-bejgħ l-intimat ma' taħx il-*logbook* tal-vettura avolja kien talabulu. Huwa rreġistra l-vettura mal-kumpanija Bolt u hemmhekk induna mis-sistema li l-vettura kienet ġiet manifatturata fl-2010 u mhux, kif kien qallu l-intimat, fl-2013. Ir-rikorrent ikkonfronta lill-intimat u dan ma' ċaħadx u inoltre qabel li jagħtih lura l-flus li kien ħallsu bin-nifs. Ir-rikorrent aċċetta u talab lill-intimat sabiex imorru għand nutar flimkien sabiex jiffirmaw kostituzzjoni ta' debitu u jiftehmu kif ser tiġi mħallsa s-somma.

4. Dan il-kuntratt ġie iffirmat għand in-**Nutar George sive Jurgen Galea** fid-29 ta' April 2020 u kopja tiegħu ġiet annessa mal-affidavit u mmarkata bħala Dok D. Dan ġie kkonfermat ukoll min-nutar innifsu fix-xhieda tiegħu tal-11 ta' Jannar 2021.

Jirriżulta lill-Qorti illi dan il-kuntratt huwa fil-forma ta' skrittura privata (bin-Nutar Pubbliku jieħu r-rwol ta' xhud tal-firem) iżjed milli kuntratt pubbliku ta' kostituzzjoni ta' debitu. Skond dan il-ftehim l-intimat kellu jħallas elf euro fix-xahar sakemm jinqata' d-dejn bl-ewwel pagament kellu jsir f'Mejju 2020. F'każ ta' nuqqas ta' xi pagament l-intimat kien jitlef il-benefiċċju taż-żmien u l-ammont isir dovut f'salt inkluż l-imgħaxijiet bl-ogħla rati skond il-liġi.

5. Skond ir-rikorrent l-intimat ma' għamel l-ebda ħlasijiet u inoltre sar jaf mingħand terzi oħra li hija kienet ukoll kellha tieħu mingħand l-intimat. Ir-rikorrent insista illi l-vettura tiġi ttrasferita f'ismu u filfatt skond ix-xhieda ta' **Stephen Cachia**, rappreżentant tal-Awtorità dwar it-Trasport f'Malta, mogħtija fil-11 ta' Jannar 2021 din ġiet hekk trasferita lir-rikorrent fit-3 ta' Lulju 2020.

6. Ir-rikorrent jgħid illi l-intimat wegħdu kemm il-darba permezz tat-telefon li kien żbalja u li kien ser iħallsu, però l-ħlas baqa' qatt ma' sar. Inoltre r-rikorrent skopra li l-intimat huwa miżżewweġ lill-intimata l-oħra u għalhekk fil-fehma tiegħu hija ukoll responsabbli għall-istess dejn.

**Egħluq provi tar-rikorrenti u stadju tal-provi tal-intimati**

7. Fis-seduta tal-11 ta' Jannar 2021, ġie verbalizzat illi r-rikorrent *"salv li jippreżenta fil-mori tad-differiment nota bl-atti ġudizzjarji imsemmija f'dan il-verbal qiegħed jiddikjara il-provi tieghu magħluqa. Il-Qorti qieghda ghalhekk thalli il-kawza ghal provi tal-intimati ghall-22 ta' Frar 2021 fl-10:00am"*[6].

8. Imbagħad fis-seduta tat-22 ta' Frar 2021 l-avukat difensur tal-intimati ddikjara *inter alia* illi *"ghandu f'idejh l-affidavit ta' Christ Xerri Urry li kellu jinhalef illum pero` ghadu kemm induna illi l-istess intimat tfixkel fid-data li kellu jkun prezenti u ghaldaqstant mhux qieghed il-Qorti ... jiddikjara wkoll illi jixtieq jaghmel il-kontro-ezami tar-rikorrenti fil-prezenza tal-klijenti tieghu"*. Il-Qorti għalhekk akkordat ġimgħa ċans lill-intimati sabiex jiġi ppreżentat fir-Reġistru l-affidavit imsemmi u ħalliet il-kawża għall-kontroeżamijiet li fadal għat-12 ta' April 2021 fid-09:30am[7],

9. L-intimati baqgħu ma' daħħlu l-ebda affidavit.

10. Is-seduta tat-12 ta' April 2021 ġiet differita għall-24 ta' Mejju 2021 minħabba raġunijiet ta' prevenzjoni kontra t-tixrid tal-Covid-19 filwaqt li dik tal-24 ta' Mejju

[6] Fol 23-24
[7] Fol 57

2021 ġiet differita għat-18 ta' Ottubru 2021 stante l-indisponibbilta' tad-Deputat Reġistratur minħabba raġunijiet ta' saħħa.

11. Fis-seduta tat-18 t'Ottubru 2021 l-intimati naqsu milli jidhru u għalhekk ir-rikorrent talab u ottjena permess mill-Qorti sabiex jippreżenta kapitolu għas-subizzjoni tagħhom liema kapitolu ġie sussegwentement ippreżentat. Fil-kapitolu, ir-rikorrent talab lill-intimati '*jipprovaw bil-ġurament li huma debituri tar-rikorrent fis-somma u għar-raġunijiet indikati fir-rikors.* 'Il-kawża ġiet differita għas-subizzjoni tal-intimati għat-3 ta' Novembru 2021[8].

12. L-intimati għal darb' oħra naqsu milli jidhru fis-seduta tat-3 ta' Novembru 2021 u dan sabiex iwieġbu għad-domanda tar-rikorrenti.

**Il-kapitolu għas-subizzjoni: Il-liġi u l-każistika**

13. L-Artikolu 171(2) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta li jitratta t-"*tmexxija fil-Qrati Inferjuri*" jipprovdi testwalment kif ġej:

    *'Il-kawża għandha titmexxa sommarjament skont l-artikolu 215.'*

14. L-Artikolu 215 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta imbagħad jipprovdi b'riferenza għall-Qrati Inferjuri illi:

    *'Il-qrati msemmijin fl-artikolu 213 għandhom imexxu sommarjament bl-akbar ħeffa li tkun kompatibbli mal-amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja, u għandhom iħarsu id-dispożizzjonijiet ta' dan it-Titolu, sa fejn dawn id-dispożizzjonijiet jistgħu joqogħdu mal-mod li bih għandu jitmexxa fil-qrati hawn fuq imsemmija bħal ma jingħad hawn fuq.'*

15. L-Artikolu 702(1) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta jiddisponi kif ġej:

    *'Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) u fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) fil-kompetenza tagħha inferjuri, it-talba mill-attur għas-subizzjoni tal-konvenut issir fl-avviż imsemmi fl-artikolu 171.'*

16. L-Artikolu 699 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta però jipprovdi ukoll illi:

---

[8] Fol 62

*'699.(1) Fil-qrati kollha ta' kompetenza ċivili, il-kapitoli jsiru bil-miktub. Il-kapitoli għandhom jiġu approvati mill-qorti.*

*(2) Il-kapitoli għandhom jiġu ppreżentati lill-qorti waqt is-smigħ tal-kawża għalbiex jiġu approvati'*

17. L-Artikolu 713 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta jgħid illi:

*'Il-prova bil-mezz tas-subizzjoni tista' f'kull każ issir sew qabel kemm wara li jinġiebu provi oħra, sew fil-qorti tal-ewwel grad kemm fil-qorti fi grad ta' appell.'*

18. Kif fuq ingħad, it-talba għas-subizzjoni tal-intimati saret mir-rikorrenti fis-seduta tat-18 ta' Ottubru 2021.

19. Issa skond l-Artikolu 702(3)(b) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta *inter alia*, jekk il-parti, msejjħa għas-subizzjoni, ma tidhirx fil-jum mogħti għas-smigħ tal-kawża u l-pretenzjoni miġjuba quddiem il-Qorti tkun ta' aktar minn ħames mija u tnejn u tmenin euro u erbgħa u tletin ċenteżmu (€ 582.34), kif inhu l-każ f'din il-kawża:

*'il-Qorti għandha tħalli l-kawża għal darb'oħra … u l-kapitoli kif ikunu ġew imniżżlin mill-qorti jitqiesu mistqarra kemm-il darba l-parti li tagħha tintalab is-subizzjoni, mingħajr ma tinġieb raġuni tajba għal dak in-nuqqas, terġa' tonqos li tidher fil-jum li għalih il-qorti tkun ħalliet il-kawża kif intqal.'*

20. Wara li ġie ppreżentat il-kapitolu għas-subizzjoni tal-intimati fis-seduta tat-18 ta' Ottubru 2021, din il-Qorti ħalliet il-kawża għas-seduta tat-3 ta' Novembru 2021 sabiex *inter alia* l-intimati jwieġbu għad-domanda tar-rikorrent.

21. Meta fis-seduta tat-3 ta' Novembru 2021 l-intimati naqsu għal darb' oħra milli jidhru sabiex iwieġbu għad-domanda tar-rikorrent huwa effettivament ammettew illi huma debituri tar-rikorrenti fis-somma u għar-raġunijiet indikati fir-rikors.

22. Fil-kawża **Anthony Borg v. Samwel Veneziani** (Qorti tal-Appell Ċivili, 181/97/01JSP deċiża fit-28 ta' April 1998) il-Qorti tal-Appell qalet illi

*"din ic-ċirkustanza hi ħafna rilevanti għaliex tfisser illi bin-nuqqas tal-konvenut appellat li jidher biex jikkontesta l-kapitolu, saret prova posittiva li l-ammont reklamat mill-attur kien dovut lilu għal raġunijiet minnu pretiżi u dana bl-ammissjoni – anke jekk negattiva fis-sens ta' non-kontestazzjoni – ta' l-istess konvenut."*

23. Ġara illi wara li l-kawża ġiet posposta għas-sentenza, iktar tard fl-istess seduta deher l-intimat Christ Scerri Urry debitament assistit illi nforma lill-Qorti illi huwa kien preżenti barra l-awla iżda però proprju fil-ħin tal-kawża irċieva kommunikazzjoni illi martu l-intimata l-oħra tinsab qiegħda twelled. L-avukat difensur tal-intimati talbet lil Qorti sabiex tissospendi l-prolazzjoni tas- sentenza u l-Qorti filwaqt li temporanjament għamlet dan ordnat lill-istess avukat sabiex tippreżenta rikors bil-provi relevanti in sostenn għat-talba tagħha u ddiferiet il-kawża għas-6 ta' Diċembru 2021 fid-9am.

24. Fis-seduta tas-6 ta' Diċembru 2021 l-intimati reġgħu ma dehrux u għalhekk il-Qorti filwaqt li formalment iddikjarat magħluq l-istadju tal-provi tal-intimati ddeċidiet li tgħaddi għas-sentenza.

**Kunsiderazzjonijiet**

25. Kif ingħad mill-Qorti tal-Appell (Inferjuri) fis-sentenza **<u>Noel Sultana v. Tony Xerri</u>** (App. Nru. 7/2009/1 PS – 07.07.2010):

"... *huwa dejjem ta' rilevanza li jigi denotat f'kazijiet ta' din ix-xorta illi l-apprezzament tal-pertinenza u ta' l-influwenza tal-kapitoli tikkostitwixxi valutazzjoni ta' natura diskrezzjonali rizervata lill-gudikant fil-mertu... ghalkemm in-nuqqas ta' twegiba ghal kapitolu taghmel prova posittiva jew argoment indizzjarju ta' prova, il-valur ta' din l-istess prova seta' dejjem jigi mwarrab jekk, fuq l-apprezzament prudenzjali, jinstab li l-oggett tat-talba mhux sufficjentement suffragat minn elementi ohra ta' prova akkwiziti mill-process*".

26. Il-Qorti tal-Appell (Superjuri) qalet ukoll fis-sentenza **<u>James Trapani v. Vincent Cilia</u>** (28.04.2000) illi:

*"ghalkemm il-kapitoli jitqiesu konfessati pero dan ma jfisserx li l-Qorti kienet obbligata toqghod fuq il-prezunta ammissjoni. Dik il-prova kellha tigi evalwata u meqjusa flimkien ma' kull prova ohra li sa dak l-istadju setghet kienet diga prodotta quddiem il-Qorti".*

27. Mill-provi prodotti jirriżulta illi mill-kuntratt privat iffirmat bejn il-partijiet fejn l-intimat innifsu ddikjara illi "*huwa veru, ċert u likwidu debitur versu l-kreditur Philip Gatt li jikkonferma fis-somma ta' ħamest elef u ħames mitt euro (€5,500) rappreżentanti self brevi manu li diġa seħħ qabel illum mill-istess kreditur favur id-debitur'.*

28. Ħafna mill-provi li tressqu mir-rikorrenti jirrigwardaw il-kunsiderazzjoni ta' dan il-ftehim, u ċioe il-ħlas lura tal-prezz li l-intimat kien qabel illi jagħmel lura lir-rikorrent wara li biegħlu vettura li ma' kienetx tal-kwalita' pattwita jew inkella kienet afflitta minn xi difetti latenti. Pero' għall-Qorti dawn il-provi huma pjuttost irrilevanti stante illi l-veru *causa litigandi de quo* hija l-inadempjenza tal-intimat li jonora l-ftehim tad-29 ta' April 2020 u mhux xi allegat inadempjenza fil-bejgħ tal-vettura li għamel lir-rikorrent. Huwa għalhekk illi l-Qorti m'għandiex għalfejn tidħol fuq il-mertu ta' dan il-bejgħ u lanqas m'għandha għalfejn tippronunzja ruħha fuq x'għandu jsir mill-vettura in kwistjoni liema vettura jidher li għadha fil-pussess u taħt il-kontroll tar-rikorrent.

29. Għal kull bwon fini għandu jingħad ukoll illi għalkemm l-intimata ma' kienetx parti mill-ftehim tad-29 ta' April 2020 madanakollu ai termini tal-Art. 1327(f) tal-Kodiċi Ċivili, '*kull dejn jew indennizz dovut bħala rimedju ċivili minn xi waħda mill-partijiet fiż-żwieġ meta dak l-indennizz ma jkunx dovut bħala rimedju ċivili dwar reat li jkun sar bir-rieda*' ikun dejn li jmur fuq il-komunjoni tal-akkwisti bejn il-miżżewġin. Għalhekk l-intimata ukoll għandha interess fil-kawża għaliex għandha sehem fil-komunjoni tal-akkwisti ma' żewġha l-intimat.

30. Mill-assjem tal-provi mressqa inkluż il-konferma finali tar-rikorrent innifsu fis-seduta tat-3 ta' Novembru 2021 il-Qorti hija sodisfatta li l-intimati huwa debituri tar-rikorrent fl-ammont totali ċert, likwidu u dovut ta' ħamest elef euro u ħames mitt ċenteżmu (€ 5,500).

31. Finalment il-Qorti ma' tistax ma' tirrimarkax illi tinsab xi ftit perplessa bir-risposta li ppreżentaw l-intimati nfushom meta dawn iddikjaraw illi huma m'għandhom jagħtu xejn lir-rikorrent għaliex dan kien daħaq bihom u begħilhom vettura mhux tajba għas-sewqan, b'diversi problemi u difetti. Għalkemm kif diġa ingħad iktar 'l fuq in-negozju li wassal għall-iffirmar tal-ftehim tad-29 ta' April 2020 huwa rrilevanti għall-iskop ta' din il-kawża, madanakollu jrid jingħad li mill-provi irriżulta illi *semmai* kien ir-rikorrent li xtara vettura bil-problemi msemmija mingħand l-intimati u mhux viċe-versa ! X'riedu jgħidu biha l-intimati din ir-risposta l-Qorti ma' tafx u ma' setgħetx tkun taf ġaladarba huma baqgħu ma' ressqu l-ebda prova f'din il-kawża.

**Deċiżjoni**

32. **Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti tiddisponi minn din il-kawża billi tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti u**

1. **Tiddikjara li l-intimati huma debituri *in solidum* tar-rikorrent fis-somma ta' ħamest elef u ħames mitt euro (€ 5,500) liema somma ġiet iddikjarata bħala ċerta, likwida u dovuta permezz ta' skrittura privata datata 29 ta' April 2020,**

2. **Tikkundanna lill-intimati *in solidum* jħallsu lir-rikorrent dan l-ammont flimkien mal-imgħaxijiet legali mid-data tan-notifika lill-intimati tal-ittra uffiċjali bin-numru 1279/2020 sad-data tal-effettiv pagament,**

3. **Fir-rigward tal-ispejjeż mitluba dawn jkunu a karigu tal-intimati *in solidum*.**

V.G. Axiak — Y.M. Pace

Maġistrat — Dep. Reġistratur